Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2013

Numru. 738/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs.**

**Concetta Cacciattolo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Concetta Cacciattolo**, ta’ sitta u erbghin (46) sena, bint il-mejjet Eliseo u Alfrida neé Fanciulli, imwielda Pieta’ fl-10 ta’ Jannar 1965 u toqghod ‘Rockup Apartments’, Flat 1, Triq il-Gdida, Luqa, detentrici tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 73065(M), akkuzata talli:

1. f’Mejju 2011 u fix-xhur u s-snin ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew billi



Qrati tal-Gustizzja

nqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u cioé s-somma ta' circa €12,000, ghad-dannu ta' Maria Dolores sive Dorothy Freeman, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-numru 77161(M), ai terminu ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprjat ruhha billi dawret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioé somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u cioé s-somma ta' circa €12,000, ghad-dannu ta' Maria Dolores sive Dorothy Freeman, detentrici tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 77161(M), ai termini ta' l-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamlet uzu minn dokument falz, ai termini ta' l-Artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qoti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 82) datata 12 ta' Dicembru 2011 li permezz taghha baghtet lill-imputata biex tigi ggudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 18, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) Artikoli 18, 293, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(c) Artikoli 18, 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(d) Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-4 ta’ Frar 2013, gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-12 ta’ Dicembru 2011, u f’liema seduta l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti.

Semghet it-trattazzjoni da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta ta’ l-14 ta’ Settembru 2011, l-i**Spettur Maurice Curmi** (*a fol.* 9 *et seq.*) xehed li fit-18 ta’ Mejju 2011 certa Dorothy Freeman kienet irraportat li madwar sentejn qabel it-tifla taghha kienet fethet *hair salon* il-Hamrun u li l-imputata bdiet tiffrekwenta dan is-*salon*. Jispjega li kien hemm xi zmien fejn l-imputata kellha xi problemi ta’ flus u din kienet titlobha biex thallasha darba ohra u li eventwalment l-imputata kienet titlob lil Freeman biex issellfilha anke xi flus. Jixhed kif l-imputata u l-*partner* taghha Ronald Mifsud, illum mejjet, kienu talbu lil Freeman sabiex issellifhom is-somma ta’ €6,000 biex jixtru xi ghamara u xi affarijiet ohra ghal appartament fejn kienu qed jghixu. Jispjega li kienu moghtija tnax–il cekk *post-dated* mahruga mill-kont tal-BOV f’isem il-kumpanija K&L Attard Company Limited fl-ammont ta’ €500 il-wiehed u li kif kien ser jigi msarraf l-ewwel cekk dan ma ssarrafx peress illi gie *refer to drawer*, kif gara mic-cekkijiet l-ohra. L-iSpettur ikompli jispjega li kien wara dan l-episodju li Cacciattolo hallset is-somma ta’ €4500 *cash*. Jixhed kif darba minnhom l-imputata talbet lil Freeman sabiex issarrfilha cekk ta’ €5000 fejn Freeman gibdet l-ammont

ta' €5000 mill-bank u ghaddiethom lill-imputata. Irrizulta li dan ic-cekk kien imbaghbas u li wara li miet il-*partner* tal-imputata, Freeman kienet selfet xi flus lill-imputata ghall-funeral. Jixhed li minn dakinhar il-quddiem, l-imputata ghamlet ftit pagamenti lil Freeman tant li l-imputata kien fadlilha bilanc ta' €11,860 li huma dovuti lil Freeman u li kienu gew mislufa lill-imputata. Irrizulta li c-*cheque book* tac-cekkijiet tal-BOV li saret riferenza ghalihom aktar qabel kien gie misruq u li l-kumpanija K&L Attard Company Limited ma kellhomx x'jaqsmu assolutament xejn, la ma' l-imputata u anqas mal-*ex-partner* taghha. Rigward ic-cekk imbaghbas li saret riferenza ghalih aktar qabel, irrizulta li dan kien mahrug fil-kont ta' Angelo Bilocca li kien inhareg fuq talba ta' Ronald Mifsud pero' l-ammont kien ta' €500 u mhux ta' €5000 tant li kien zdied zero fic-cekk, u li dan ic-cekk ma setghax jissarraf peress li ma kienx hemm dan l-ammont ta' fondi fil-kont bankarju. Dawn ir-ragunijiet wasslu lill-Ufficjal Prosekutur jiehu passi kriminali fil-konfront tal-imputata.

In <u>kontro-ezami</u> l-iSpettur wiegeb li meta beda jinvestiga dan il-kaz il-*partner* ta' l-imputata kien ilu mejjet madwar sena u li l-ilment ta' Freeman dahal meta l-*partner* ta' l-imputata kien diga' mejjet. L-iSpettur ikkonferma li meta nhargu c-cekkijiet il-*partner* ta' l-imputata kien ghadu haj. Jghid li dawn ic-cekkijiet kienu ilhom misruqa ghal madwar tliet snin qabel ma ntuzaw. Rigward iz-zero li gie mizjud wara l-hames mija, l-iSpettur jghid illi dan kien f'idejn l-imputata u li hi kienet tghid li dan gie moghti lilha hekk, u li l-*partner* taghha kien ilu mejjet xi zmien u b'hekk l-iSpettur ma setghax jindaga.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2011, xehed **Angelo Bilocca** (*a fol.* 33 *et seq.*) li xehed li jaf lill-imputata peress li kien jaraha ma' certu wiehed Ronald. Jispjega li kien ghadda cekk ta' €500 lil dan Ronald, liema cekk kien gie trangat biex sar €5000. Jispjega li sar jaf b'dan meta mar jibki ghandu Ronald u kien ghamel *stop payment*. F'Dok. "MC 7" (*a fol.* 25) ra l-firma tieghu. Jispjega li kien ghamel cekk lil Ronald peress li dan deher imdejjaq hafna u beda jibki u peress li kellu hafna problemi u Ronald kien talbu biex jaghmillu cekk ta' €500. Jghid illi huwa kull ma

ghamel fuq ic-cekk kien biss li ffirmah u li kiteb il-figura ta' hames mija u li l-kliem fuq ic-cekk ma jafx min kitbu. Jispjega li kien hemm drabi ohra fejn gieli kien ta xi flus lil dan Ronald u dan tahomlu *cash* pero' din id-darba tahomlu cekk peress li ma kellux hames mija fuqu.
Illi, fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2011, xehed **Ivan Camilleri** (Manager fir-Registru tal-Kumpaniji) (*a fol.* 39 *et seq.*) li ezebixxa Memorandum and Articles tal-kumpanija K&L Attard Company Limited, li gie mmarkat bhala Dok. "IC 1".

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2011, xehdet **Dorothy Freeman** (*a fol.* 63 *et seq.*) fejn tispjega li hi u l-imputata kienu ilhom hbieb u li t-tifla taghha (ta' Freeman) ghandha hanut tax-xaghar f' Birkirkara u li darba fost l-ohrajn l-imputata kienet riedet xi flus. Tispjega li l-imputata kienet tiffrekwenta l-hanut tat-tifla taghha u gieli kienet tghidilha li ma kellhiex flus biex thallasha ghal *blow dry* jew gieli kienet tixtri xi haga mill-hanut u ma kienx ikollha flus u kienet tghidilha li kienet ser taghtihomlha. Tispjega li peress li kienu hbieb kienet taghlaq ghajnejha. Tixhed li darba fost l-ohrajn l-imputata kienet marret ma' l-habib taghha u riedu l-flus pero nsiet kemm. Tghid li dan il-persuna li marret mieghu l-imputata ma tafx x'jismu pero' tghid illi dan illum huwa mejjet u li darba ohra kienet marret ma' l-istess persuna u marret bi tnax–il cekk li kienu ta' €500 il-wiehed. Tghid illi hi kienet marret bihom sabiex tkun tista' issellef il-flus lill-imputata fuqhom. Tispjega li dawn it-tnax il-cekk kienet taghthomlha flus lill-imputata u li meta Freeman marret b'dawn ic-cekkijiet il-bank, il-bank ma riedux jaghtuha d-dettalji li dawn ma jissarrfux. Tixhed li wara ftit taz-zmien l-imputata kienet regghet marret ghandha u li bdiet tibki u li bdiet tghid li tal-kera kien ser ikeccieha u li talbitha taghmillha pjacir u li hi (Freeman) kienet tat lil imputata €1200, minn liema somma kienet diga' hallsitha €300. Ix-xhud tghid li mhux hi ghamlithom ic-cekkijiet peress li hi ma tafx tikteb. Tispjega li darba minnhom l-imputata riedtiha issarrfilha cekk ta' €5000 u li hi (Freeman) marret u gibdet dan l-ammont u tathom lill-imputata u li wara jumejn kien cemplilha xi hadd u kien qalilha li dak ic-cekk kien imbaghbas peress li c-cekk kien ta' €50. Tispjega li l-

imputata ghad fadal thallasha s-somma ta' €14,000 (*a fol.* 74).

In <u>kontro-ezami</u> meta x-xhud giet mistoqsija tghid jekk hija tislifx il-flus regolarment, wiegbet fin-negattiv. Meta mistoqsija *"Ara nghidlekx sew li minn dan il-hanut inti ssarraf ic-cekkijiet biex taqla' l-flus minnhom int?"* (*a fol.* 77), it-twegiba kienet: *"Jiena? Le, le mhux veru, nahliflek"* (*a fol.* 77).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2011 xehed **Romwald Attard** (*a fol.* 84 *et seq.*), rapprezentant ta' l-BOV, li xehed rigward ic-cekkijiet ta' l-kumpanija K&L Attard Company Limited u kkonferma li dawn ic-cekkijiet gew imwaqqfa fis-26 ta' Awwissu 2009 peress li ma gewx imsarrfa. Jghid ukoll illi kien hemm cekk iehor ta' Angelo Bilocca li gie mwaqqaf ukoll milli jigi kkexxjat fis-6 ta' April 2010.

In <u>kontro-ezami</u>, meta gie mistoqsi minn min inghataw l-istruzzjonijiet biex jitwaqqfu dawn ic-cekkijiet, jghid illi ma jistghax jikkonferma pero' normalment dawn jigu minghand l- *account holder*. Ix-xhud ikkonferma li fil-kaz odjern kien hemm *stop payment instructions*.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2012 rega' xehed **Angelo Bilocca** (*a fol.* 93 *et seq.*) fejn dan qal li xtaq ibiddel dak li kien xehed fis-17 ta' Ottubru 2011 peress li dak li kien xehed ma kienx minnu ezatt. Meta ghamel riferenza ghac-cekk ta' €500, jghid illi l-imputata dan kienet ghamlitu ta' €5000. Jispjega li l-imputata riedet tkellmu, infaqghet tibki u din kienet qaltlu li c-cekk kienet taghtu lil certu wahda Dorothy u li minn hames mija ghamlitu hamest'elef. Hija qaltlu li z-zero kienet zieditu hi, cioé l-imputata. Jispjega li qabad it-telefon u cempel lil Dorothy u ghamel *stop payment*. Jixhed li ghandu jiehu €42,000 minghand l-imputata u jispjega li ma setghax jaghmel mod iehor peress li dak iz-zmien kien mizzewweg u li llum il-gurnata ma ghadux mal-mara. Jispjega kif kien ta l-flus fil-bidu lill-imputata u kien ikollu x'jaqsam maghha. Jispjega kif ma kienux ihalluh bil-kwiet, huma kienu jmorru r-razzett jeqirdu. Meta mistoqsi mill-Qorti ghalxiex rega' mar il-Qorti jaghti x-xhieda tieghu jghid li meta kien xehed

l-ewwel darba kien ghadu mal-mara tieghu u pprova jirranga u li issa spicca kollox ma' martu. Jispjega wkoll li kien hemm drabi ohra fejn kien ta cekk ta' €3500 u kien ghamel *stop payment* mill-ewwel.

In <u>kontro-ezami</u> x-xhud wiegeb li llum il-gurnata qed jissepara u spjega li fis-17 ta' Ottubru 2011, cioe' meta xehed l-ewwel darba, kien ghadu kemm telaq mid-dar. Jghid: *"Dawn ha nghidlek Sur Avukat, dawn it-tnejn u erbghin elf, dahnitli n-negozju, sallbitni, kissritni minn ma' l-familja"* (*a fol.* 96).

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2012 rega' xehed **Romwald Attard** (*a fol.* 99) fejn esebixxa kopji ta' l-i*stop payments* rigward ic-cekkijiet li kien diga' xehed fuqhom.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2012, xehed **Keith Attard** (*a fol.* 104 *et seq.*) fejn dan xehed illi xi hames snin qabel kien f' *business* fuq xorb, sigaretti u tabakkijiet u kien direttur tal-kumpanija K&L Attard Company Limited. Mistoqsi jghid jekk lil certa Concetta Cacciattolo jafhiex jew jekk kellux x' jaqsam maghha, jghid li dan kien isem gdid. Jispjega wkoll li kienu saru xi serqiet, f'liema kienu nserqu xi affarijiet u li darba minnhom kienu ntilfu xi cekkijiet tal-BOV. Meta gie muri l-firem fuq ic-cekkijiet esebiti, ma gharafx il-firem. Jispjega li l-firmatarju ta' l-kont taghhom huwa missieru u li l-firma li kien hemm fuq ic-cekkijiet ma kienitx tieghu.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-*hold up* ma giex solvut. Jghid ukoll illi ma ghandux idea min mela c-cekkijiet li gie muri mill-iSpettur.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Frar 2013, xehdet l-imputata **Concetta Cacciattolo** (*a fol.* 112 *et seq.*). L-imputata giet moqrija l- istqarrija rilaxxjata minnha lil Pulizija li tinsab *a fol.* 19 ta' l-process u din ikkonfermatha kollha. Ikkonfermat ukoll illi kienet tmur ghand Freeman u li kienet ma' persuna li kien mimli dejn tant li spara ghal rasu. Kienet tmur ghand Freeman u kienet tghidilha biex taghtiha xi flus u hi kienet thallas ghax kienet qalbha tajba u baghtiet. Tghid ukoll illi l-*partner* taghha halliha f'dejn

kbir u li xebghet taghtiha flus lil Freeman, madwar mitejn kuljum u gieli anka erba' mija. Tghid illi c-cekkijiet ma tafx minn fejn kien gabhom, jekk hux minn hawn jew minn hemm. Tghid: *"Mela dan kien kien dejjem igerfex maghhom, mieghu u gieli ma' Bilocca"* (*a fol.* 116). Tghid ukoll: *"Ic-cekkijiet ehe kien mar darba jibki Ronald ghand Angelo Bilocca, mhux darba u tnejn u darba minnhom ghidtlu isma' dawn ic-cekkijiet minn fejn gibthom int? Ghidtlu dawn tajbin? Qalli mela ma tafx kemm ghandu flus tas-sigaretti, wiehed il-Belt hawnhekk Strada San Paolo. Kien dejjem, nahseb ghamel perjodu ta' tliet snin dejjem mieghu. Umbaghad darba minnhom Bilocca nafu li kellu l-flus u qalli ha nipprova nghid, ghax kien ihallas ammonti kbar kuljum Ronald ghax kien jghaffeg hafna"* (*a fol.* 117). Tispjega li ghaddiet minn hafna affarijiet u li kien hemm drabi fejn gieli ma kellhiex biex tiekol u li kienet hadet lezzjoni hazina ghax Freeman habiba taghha u li kienet haditilha imghaxijiet kbar. Meta mistoqsija rigward ic-cekkijiet li gew esebiti, tichad li kellha x'taqsam maghhom. Tghid: *"Imma umbaghad ippretendejt ma taghmillix hekk il-habiba tieghi, jien suppost li habiba tieghi wara li tajtha dawk il-flus kollha u hemm ix-xhieda. U kienet anka tibghatli l-irgiel biex ikolli biex inhallas"* (*a fol.* 118).

In <u>kontro-ezami</u> tghid li fis-7 ta' Lulju 2013 il-*partner* taghha Mifsud jaghlaq tlitt snin mejjet. Tispjega li bdiet tissellef minghand Freeman meta kien ghadu haj il-*partner* taghha. Meta mistoqsija tghid kif kienet ftehmet ma' Freeman biex thallasha lura l-flus li kienet taghtha, wiegbet li kellha taghtiha l-flus permezz ta' pagamenti – thallasha mitejn kuljum u gieli ghamlet perjodu fejn Freeman riedet li taghtiha erba' mija kuljum. Ix-xhud tkompli tghid: *"Meta mbaghad jiena spiccajt wahdi u ma ghandiex ghajnuna ta' xejn ghidtilha ha ntik mija fil-gimgha, bdiet taqbez u toghla. Qaltli le, qaltli nghinek jiena, qaltli issa ngiblek erba' rgiel u jkollok biex thallas u dawn l-affarijiet. U jien waqaft minnu dan u b'hekk giet bic-cekkijiet biex taghmel dan. Jien bhal din ghamluli hafna nies, mhux hi biss"* (*a fol.* 123). Tispjega li Bilocca c-cekk ta' hamsin kien tah lil mejjet pero' meta mistoqsija tghid min kien zied iz-zero tghid illi huwa kien zied iz-zero,

cioe' Ronald Mifsud. Tghid li ma kienitx taf b'din iz-zieda taz-zero meta tat ic-cekk lil Dorothy. Mistoqsija tghid kemm ghad fadlilha pendenzi ma' Freeman illum il-gurnata, twiegeb: *"Jiena nahseb ghal dak iz-zminijiet li ghidtlek ghandi ntiha sitt elef u nahseb trid taghti lili bil-flus li hallast u tajtha"* (*a fol.* 124). Mistoqsija tghid jekk minn mindu sarx l-i*statement* taghha komplietx thallasha, wiegbet fin-negattiv. Twiegeb illi kienet taghtiha xi haga zghira u waqfet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata tinsab akkuzat bis-segwenti: bi frodi, b'approprjazzjoni bla jedd u bli ghamlet uzu minn dokument falz. Irrizulta mill-provi prodotti kif Freeman gie li sellfet xi flus lill-imputata u kif l-imputata rrifondiet lura xi flus u li l-*partner* tal-imputata spicca kkommetta suwicidju. Jirrizulta kif numru ta' cekkijiet *post-dated* ta' kumpanija partikolari gew mghoddija lil Freeman u li baqghu ma ssarrfux u kif cekk gie mbaghbas billi zdiedlu n-numru zero wara l-figura sabiex jigi jaqra differenti milli originarjament kien. Jibqa' l-fatt jekk l-imputata ghandhiex tinstab hatja jew le ta' dak li qed tigi akkuzata bih fil-kawza odjerna.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni: Artikolu 308 tal-Kapitolu 9</u>**
Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Oliver Agius** deciza fis-27 ta' Lulju 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"[..i]l-Qorti jidhrilha illi ghandha tirrikorri ghal kliem tal-gurista "Carrara" illi kien qed jikkummeta fuq id-*delitto di truffa* skont l-Artiklu 413 tal-Kodici Penali tar-Regnio d'Italia promulgat fl-1889 liema Artiklu huwa simili hafna ghall-Artiklu 308 tal-Kodici Kriminali taghna li jitkellem dwar frodi b'ghemil qarrieqi. Ikun interessanti illi hawn hekk il-Qorti tikkwota dan l-Artiklu 413 tal-Kodici antik Taljan li minnu nibet l-Artiklu 308 taghna. Dan l-Artiklu jghid *"chiunque con artifizzi o raggiri atti a ingannare o a sorprendere l'altrui buona fede, inducendo alcuno in errore, procura a se o ad altri un ingustro profitto con altrui danno e' punito . . ."* L-Artiklu tal-Ligi taghna, l-imsemmi

308, huwa aktar dettaljat ghal dak li jirrigwardja *artifizzi o raggiri.* Pero' l-kuncett huwa l-istess. L-element kostitwiv tar-reat tat-truffa huwa *artifizzi o raggiri, atti a ingannare o a sorprendere l'altrui buona fede*. Il-Carrara jghallem illi "*l'artifizzio o raggiro non deve consistere in semplici parole menzognere; ma che ad aver delitto vi abbisogna qualche cosa di materiale una messa in scena, un fatto esteriore o l'intervento di una terza persone chi dia credito alla parole . . . Non basterebbe che taluno, dando ad altri un prezzo di rame pero oro, gli avesse affermato che era oro, se non avesse altresi uzato arti perche' quel prezzo di rame imitasse il colorito del oro . . . In sostanza, si distinguerebbe tra menzognia e artifizio. <u>La menzognia no e' delitto</u> (Sottolinear tal-Qorti), perche' nessuno deve credere di facile alla parole altrui; e se vi crede, ne imputi se medesimo: e attenda (se cade in acconcio) dai tribunali civili la riparazione dei propri danni. Ma l'artifizio, quando non volge a sola beffa innocente, ma ad un ingusto spolio, adegua le condizioni obiettive del delitto; e ad avere l'artifizzio non basta il solo discorso, per quanto studiato e persuadente, se oltre alle mendaci parole non si pose in essere una qualce cosa comprovante i falsi asserti.*" (Programma Parte Speciale Volume IV para 2344)".

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni: Artikolu 293 tal-Kapitolu 9</u>**
Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni u Edwin Petroni** deciza fid-9 ta' Gunju 1998, il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-elementi essenzjali li jsawwru r-reat ta' approprijazzjoni indebita. Hija qalet hekk:

"Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana r-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu daqs li kieku huwa l-proprjetarju u jaghmel uzu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei: "*La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio*" (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276).

**It-Tielet (3) Imputazzjoni: Artikolu 184 tal-Kapitolu 9**

Illi Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"Kull persuna li xjentement tagħmel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena stabbilita għall-awtur tal-falsifikazzjoni".

Illi l-kelma "xjentement", fit-test Ingliz "knowingly", hija krucjali sabiex tkun tista' tinsab htija taht dan l-Artikolu.

**Ikkunsidrat**

Illi, minn qari akkurat ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti tinnota li mill-provi ma jirrizultax car kif u minn fejn gew ic-cekkijiet *post-dated* li gew moghtija lil Freeman u anqas ma jirrizulta minn zied in-numru zero fic-cekk l-iehor. Freeman tixhed kif l-imputata kienet tmur flimkien mal-*eks partner* taghha tant li f'wiehed minn dawn id-drabi gew mghoddija lilha (lil Freeman) ic-cekkijiet *post-dated*. Da parte taghha, l-imputata, fl-istqarrija rilaxxata minnha lill-Pulizija (*a fol.* 20) tghid li ma tafx minn fejn kienu gew it-tnax il-cekk *post-dated* u tghid li l-eks taghha kien gabhom minghand xi hadd u li l-eks taghha kien qalilha li kienu tajbin u kienet din ir-raguni ghala dawn ic-cekkijiet gew mghoddija lil Freeman. Dan gie kkonfermat mill-imputata meta xehdet quddiem il-Qorti. Fir-rigward tan-numru zero li gie mizjud f'cekk partikolari, filwaqt li l-imputata tichad li hija ziedet dan iz-zero, Bilocca, meta xehed it-tieni darba, qal li l-imputata kienet qaltlu li kienet hi li kienet ziedet iz-zero. L-imputata tichad dan. Da parte taghha, l-imputata tghid li dan iz-zero gie mizjud minn l-eks taghha Ronald.

L-imputata tghid li saret taf b'dan wara li c-cekk in kwistjoni gie mghoddi lil Freeman.

Illi xhud importanti li setgha jitfa' aktar dawl fuq l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata kien, minghajr dubju, Ronald, l-eks *partner* tal-imputata, li sfortunatament huwa mejjet u b'hekk ma setghax jaghti d-depozizzjoni tieghu f'dawn il-proceduri. Apparti dan, il-Qorti tinnota wkoll li meta l-Ufficjal Prosekutur kien beda jinvestiga dan il-kaz, l-eks *partner* tal-imputata kien diga mejjet.

Illi ma jirrizultax li l-imputata kienet taf li c-cekkijiet *post-dated* ma kienux jissarrfu u li z-zero fic-cekk l-iehor kien mizjud.

Illi jezisti dubbju dettat mir-raguni dwar jekk l-imputata hijiex hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha. Illi l-provi li hemm fl-atti ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija, provi li fil-kamp penali jridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputata. Minkejja li l-Qorti tista' tasal ghal diversi ipotesijiet, dawn l-ipotesijiet ma jistghu qatt iwasslu lil din il-Qorti ghal konkluzjoni wahda. M'hemmx dubju li l-elementi essenzjali sabiex tinsab htija tal-imputata fil-konfront tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha ma jirrizultawx.

Illi, fuq nota differenti, minkejja li dan li ser jinghad m'huwiex mertu tal-kawza odjerna, ikun ghaqli kieku l-Pulizija tinvestiga u tara jekk huwiex qed isir self illegali da parte ta' Freeman.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u b'hekk tilliberaha minnhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------